MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 396/1992/1

**Gulab Chatlani**

**vs**

**Godwin Said u l-Av Dr Vincent Galea nominat b'digriet tas-16 ta' Ottubru sabiex jirraprezenta lill-Eredita gjacenti ta' Godwin Said.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex ir-rikorrent jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jizgombra mill-hanut ossija zewgt ikmamar 43b Zachary Street, Valletta liema kmamar qeghdin jigu okkupati minghajr titolu validu fil-ligi mill-istess konvenut.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-istess fond huwa inqas minn mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250).

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal a fol 3 tal-atti u li bih il-konvenut eccepixxa li ghandu titolu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, Godwin Said, illum mejjet kien xehed, f'dawn il-proceduri, permezz ta' "affidavit" li jinsab anness mal-atti a fol 12 flimkien ma dokumenti in sostenn ta' dak li xehed. Hawnhekk, il-konvenut jsostni li hu jiddetjeni l-istess kmamar permezz ta' titolu ta' lokazjoni permezz ta' kuntratt publikat "in atti" Nutar Victor Bisazza fit-18 ta' Gunju 1961 (ara fol 14 sa fol 17 tal-istess atti). Din il-kirja, filfatt, tinsab a fol 16 tal-atti fil-klawsoli numru 3, tieni paragrafu. Il-konvenut kompla jghid illi z-zewgt ikmamar, in kwistjoni, kienu gew mikrija lilu minn missieru, mejjet, li kien jiddetjeni l-istess fond b'titolu ta' cens temporaneu skond kif jidher mill-att pubbliku a fol 18, liema cens ormai skada. Ta minn jinnota li fix-xhieda tieghu, il-konvenut kien semma kawza fl-ismijiet "Brickley vs Said et" li, skond hu, l-atti relattivi huma annessi ma dan il-process. Pero jigi notat li, filfatt, dawn l-atti ma humiex inklusi f'din il-kawza (ara fol 61 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, kif jidher mill-istess atti a fol 76, jidher li fil-mori tal-kawza in esami il-konvenut kien miet u l-istess kawza kienet giet differita sabiex isir il-procedura skond il-ligi, f'kas ta' mewt ta' parti f'kawza. Pero l-Avukat tal-attur kien informa lill-Qorti li it-tfal tal-konvenut kienu irrinzunjaw ghall-wirt ta' missierhom, il-konvenut (ara fol 86 ibid). Difatti kien gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapresenta l-eredita gjacenti (ara fol 79 sa fol 85 ibid). Sussegwentement, l-istess Qorti kienet giet infurmata li

ma kienitx saret tali rununzja (ara ukoll fol 87 u fol 91 ibid) dwar dak li ghadu kemm gie premess.

Illi, dan kollu, premess deher li kien opportun li dan il-kaz jigi differit, ghallum, sabiex tinghata is-sentenza (fol 95).

Ikkunsidrat

Ili kif jidher mill-premess, meta xehed il-konvenut, hu sostna anke permezz tad-dokumenti citati li hu kien qed jiddetjeni l-kmamar in kwistjoni permezz ta' titolu ta' lokazzjoni. Illi, fil-mori ta' din il-kawza kien miet l-istess konvenut.

Illi hu minnu li, skond l-artikolu 1572 tal-Kodici Civili, ftehim ta' lokazzjoni ma jigix xolt semplicement ghax jkun miet l-inkwilin. Pero', hu minnu ukoll li, wara l-mewt tal-istess konvenut ma deher hadd f'din il-kawza li seta' jew sabiex jivvanta li ghandu jesisti illum, dan it-titolu li kien vantat mill-istess konvenut. F'dawn ic-cirkostanzi,din il-Qorti, wara li ghadda hafna zmien mill-presentata tal-avviz in esami, thoss li din il-kawza ma tistax tittawwal aktar inutilment u fin-nuqqas ta' prova jew provi li l-imsemmi titolu seta' intiret, anke bl-operat tal-Kapitolu 69 tal-Ligjiet ta' Malta, minn xi persuna, l-istess Qorti ghandha tiddikjara li presentement fin-nuqqas ta' xi prova kontrarja, it-titolu ta' lokazzjoni, li seta' kien hemm favur il-konvenut, ghandu jigi kunsiderat bhala in esistenti fid-dawl tal-istess cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-istess konvenut nomine sabiex jizgombra mill-hanut ossija zewgt ikmamar f'43b, Triq iz-Zakkarija, Valletta liema kmamar qed jigu okkupati minghajr titolu validu fi-ligi mill-istess konvenut nomine u dan sas-6 ta' Lulju 2003. Bl-ispejjes kontra l-istess konvenut nomine.

--------------------------------TMIEM--------------------------------